MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 937/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carmelo Magri]**

**vs**

**Carmel Calleja**

**Illum, 15 ta’ Dicembru, 2008,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Calleja ta’ 50 sena, iben Paul u Maria Antonia nee` Cassar imwieled Hal Qormi fis-7 ta’ April 1958 u residenti 30, ‘Warda fil-Gnien’, Triq l-Ghoxrin ta’ Jannar, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 297358M.

Akkuzat talli fit-13 ta’ Lulju, 2008 fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentement, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta, jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, il-fedina penali, u l-fatt li l-oggetti ricettati gia gew mghoddija lill-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------